MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-13:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 20.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

20.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 20.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

20.2.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa li kellha ssir għal suġġerimenti rigward is-SUMP (Sustainable Mobility Plan) saret, qal li hu biss kien preżenti pero fakkar lill-kunsilliera li peress li ma attendewx xorta għadhom jistgħu jagħtu l-feedback tagħhom fl-istess studju.

20.2.2 Is-Sindku ippropona sabiex jinxtraw speakers permanenti fil-pjazza u forsi f'xi toroq sabiex jintużaw skont il-bżonn meta jkun hemm l-avvenimenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.2.3 Is-Sindku qal li rigward il-proġetti relatati mal-Ministeru t'Għawdex, fosthom Triq il-Wileġ u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral intbagħtu diversi aġġornamenti ta' BOQ (bill of quantities) u diversi dokumentazzjoni oħra skont il-bżonn pero kollox huwa wieqaf u qatt ma ngħatajna feedback min naħħa tal-Ministeru.

20.2.4 Is-Sindku qal li fl-allokazzjoni l-ġdida mogħtija mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill ta' San Lawrenz ġiet mogħti €14,000 f'aġġustament. Hu kompla jgħid li dan kien riżultat tal-pressjoni l hu kien għamel is-sena l-għaddiet meta insista mal-entitajiet konċernati li l-allokazzjoni hi inġusta u l-ammont allokat għandu jkun ferm ikbar.

20.2.5 Is-SE ressqet il-*leave balance* tagħha u tal-Assistent Principal fejn talbu sabiex jiġi trasferiti 170 u 32 sagħat rispettivament għas-sena 2021. Il-Kunsill qabel.

20.2.6 Is-SE qalet li irċiviet mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward l-oġġezzjoni li għamlu r-residenti rigward l-iżvillupp fuq Mrejna Court, u skont il-Perit dawn applikaw mal-policies tal-madwar.

## 20.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

20.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet xi żviluppi saru rigward l-iskema tal-annimali. Is-SE fakkret lill-kunsillier Grima sabiex tipprovdi r-rapport tal-ħidma tagħha s'issa bħal tqassim ta vouchers, ikel tal-annimali eċċ.

20.3.2 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa jekk il-van tal-Kunsill hux qed tintuża. Is-Sindku informa li l-Kunsill ikollu bookings minn residenti sabiex jitwasslu appuntamenti, jitqassmu l-boroż, meta l-għaqdiet għamlu l-attivita' tat-takeaways u jinġabru affarijiet essenzjali lir-

residenti bħal ħrieqi tal-kbar minn Għajnsielem, kif ukoll għall-bżonnijiet li jkollu l-Kunsill minn żmien għal żmien.

20.3.3 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa peress li din is-sena ma sarux avvenimenti tal-Milied, sabiex nagħmlu mixgħela fil-Milied tas-sena d-dieħla. Sar qbil li l-Milied 2021 ikun diskuss kmieni sabiex nippjanaw fid-dettall iktar inkluż il-mixgħela.

20.3.4 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk possibli li l-ispejjeż tal-latrina tad-Dwejra jibda jħallashom il-Ministeru. Is-Sindku qal li dan hu l-obbligu tagħna li nieħdu ħsieb il-latrina tal-bajja fil-konfini ta' San Lawrenz.

## 20.4 Baġit tal-Kunsill għas-Sena 2021;

20.4.1 Is-SE infurmat li se jsir *draft budget* mal-accountant tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin. Wara li jitlesta dan id-*draft* ser jiġi ppreżentat quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

20.4.2 Is-SE qalet li l-intenzjoni li jkun ippreżentat dan is-suġġett fuq l-agenda huwa għall-fatt li jekk xi ħadd għandu xi rakkomandazzjoni partikolari, iressaqha biex tiġi inkluża.

## 20.5 Proġetti 2021;

20.5.1 Is-Sindku qal li rigward l-iskema SPI. 6/2020 u l-proġetti inovattivi rikjesti mill-Ministeru għall-Għawdex, inxeħtu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku kompla jgħid li jekk dawn l-applikazzjonijiet jiġu aċċettati, għandha sena mimlija proġetti sbieħ għal-ġid tar-raħal. Is-Sindku kompla jgħid li qed jipprova jġib iktar informazzjoni rigward il-fondi l-oħrajn bħall ma kienu tal-UIF sabiex jintużaw għall-proġetti proposti bħal proġett tal-latrina fi Triq Nicholas Monsarrat.

## 20.6 Bidu tal-Proċess tal-Applikazzjoni mal-Aworita' tal-Ippjanar għaċ-Ċentru Ċiviku;

20.6.1 Is-Sindku ippropona li naħdmu mal-Perit sabiex jibda l-proċess għall-permess mill-PA għaċ-Ċentru Ċiviku. B'hekk ikollna pass importanti lest u jekk ikun hemm bżonn dan jiġi mġedded kull ħames snin. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 20.7 Ħolqien ta' Good Parenting Social Club;

20.7.1 Is-Sindku qal li sikwit jisma ġenituri jgħidu li kieku tajjeb ikun hawn iktar postijiet fejn tista' tieħu t-tfal sabiex ma jispiċċawx jużaw it-tablets u games tul l-ġurnata kollha. Hu kompla jgħid li meta kien qed jirriċerka ftit, sab koppja fuq Instagram fejn joħolqu attivitajiet għall-ġenituri mal-ulied bħal passiġati fil kampanja, crafts, meetings eċċ. Is-Sindku kompla jgħid li jixtieq jipproponi li jinħoloq social club għall-ġenituri kif ukoll għall-ulied fejn ikunu involuti

f'attivitajiet flimkien. Il-Kunsill qabel li ssir proposta mingħand il-koppja, kif ukoll il-pjanijiet għas-social club isiru għal meta jiġu irrilaxxati il-miżuri kontra l-Covid-19.

## 20.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

20.8.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 20.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-16:00 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021 fil-13:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv